MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Numru. 1010/2008

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Ciaxan Sultana, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Frar, 1991

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-16 ta’ Settembru, 2008, f’xi ħin matul il-ġurnata, waqt li kien xogħol ġewwa l-lukanda Palm Court Hotel, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, ikkometta serq ta’ apparat elettroniku tal-marka Nintendo, liema serq hu kkwalifkat bil-persuna u li sar għad-dannu ta’ persuna jew persuni mhux magħrufa;
2. talli fis-16 ta’ Settembru, 2008 u/jew qabel jew wara din id-data, f’dawn il-Gżejjer, xjentement, laqa’ għandu

jew xtara ħwejjeġ misruqa, u cioe' telefon ċellulari u 'Play Station Portable', meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(d), 268(a), 281(a) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni bikrija u l-eta' ta' l-imputat.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------